# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Lulju 2012

## dwar it-twaqqif ta' panil ta' esperti multisettorjali u indipendenti biex jipprovdi konsulenza dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa

(2012/C 198/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 168(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri huma meħtieġa, b'kuntatt mal-Kummissjoni, jikkoordinaw bejniethom il-politiki u l-programmi tagħhom fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista', b'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu kull inizjattiva siewja sabiex tinkoraġġixxi dan il-koordinament, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw li jistabbilixxu linji gwida u indikaturi, li jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar prattika, u li jħejju l-elementi meħtieġa għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet perjodiċi.

(2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea [1] adottati f'Ġunju 2006 jirrikonoxxu li filwaqt li mhuwiex xieraq li wieħed jipprova jistandardizza s-sistemi tas-saħħa fil-livell tal-UE, hemm valur enormi fix-xogħol fil-livell Ewropew dwar il-kura tas-saħħa. Għalhekk, l-Istati Membri qed jimpenjaw ruħhom biex jaħdmu flimkien biex jaqsmu l-esperjenzi u l-informazzjoni dwar prattika tajba.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa 2008-2013 [2] (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-"Programm tas-Saħħa"), filwaqt li ttenni, skont l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li s-servizzi tas-saħħa huma qabel kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, tenfasizza li l-kooperazzjoni fil-livell Komunitarju tista' tkun ta' benefiċċju kemm għall-pazjenti kif ukoll għas-sistemi tas-saħħa. Skont l-Artikolu 2 ta'din id-Deċiżjoni, moqri flimkien mal-punti 3.2.2 u 3.2.3 tal-Anness, wieħed mill-għanijiet tal-"Programm tas-Saħħa" huwa li jiġġenera u jxerred l-informazzjoni u l-għarfien dwar is-saħħa billi jipprovdi analiżi u għajnuna teknika bħala appoġġ lil dawk li jfasslu l-politika fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm.

(4) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli", adottati fis-6 ta' Ġunju 2011 [3], jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibdew proċess ta' riflessjoni li jimmira lejn l-identifikazzjoni ta' modi effettivi ta' investiment fis-saħħa, u lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-proċess ta' riflessjoni billi tiffaċilita l-aċċess għall-konsulenza esperta indipendenti u multisettorjali.

(5) Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Saħħa Pubblika, f'laqgħa ta' Livell Għoli, stabbilixxa forum għall-kooperazzjoni fuq modi effettivi ta' investiment fis-saħħa, u approva l-ħolqien ta' gruppi ta' ħidma dwar suġġetti differenti, bħal: it-titjib fir-rappreżentanza adegwata tas-saħħa f'Ewropa 2020 u f'Semestru Ewropew, id-definizzjoni tal-fatturi ta' suċċess għall-użu effettiv tal-Fondi Strutturali għall-investimenti tas-saħħa, l-użu kosteffiċjenti tal-mediċini, mudelli tal-kura tas-saħħa integrati u ġestjoni aħjar ta' sptarijiet, kejl u monitoraġġ tal-effettività tal-investimenti tas-saħħa.

(6) Il-Kummissjoni qed tipparteċipa f'dawn is-sottogruppi kollha bl-għan li tappoġġja l-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar is-sistemi tas-saħħa u biex tgħinhom permezz tal-forniment tal-informazzjoni u l-għarfien.

(7) Konsulenza xjentifika siewja u f'waqtha hija rekwiżit essenzjali għall-forniment ta' informazzjoni u ta' għarfien tal-Kummissjoni relatati mas-sostenibilità tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. Għandha tkun imsejsa fuq il-prinċipji ta' eċċellenza, indipendenza, approċċ multisettorjali u trasparenza.

(8) F'dak il-kuntest, huwa xieraq li jitwaqqaf grupp espert li se jappoġġja lill-Kummissjoni, billi jipprovdi konsulenza siewja u indipendenti dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa.

(9) Il-grupp espert għandu jkun magħmul minn persuni b'esperjenza u għarfien fil-qasam pubbliku jew privat, kif ukoll minn persuni li ġejjin mis-soċjetà ċivili. Hu essenzjali li l-panil ta' esperti jagħmel l-aħjar użu mill-ispeċjalizzazzjoni xjentifika fl-UE u lil hinn minnha kif jista' jkun meħtieġ għal mistoqsija speċifika.

(10) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni minn membri tal-grupp.

(11) Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward

[1] ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.
[3] ĠU C 202, 8.7.2011, p. 10.

tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([4]).

(12) Għandha tiddaħħal fis-seħħ sistema ta' indennizzi biex tiżgura li esperti b'kompetenzi xierqa jipparteċipaw fil-grupp, b'rappreżentazzjoni tas-soċjetà ċivili, fis-settur pubbliku u privat.

(13) Huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Meta jasal iż-żmien, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk estensjoni tkunx rakkomandabbli.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

B'dan qed jiġi stabbilit grupp espert dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa (minn hawn 'il quddiem il-Panil).

*Artikolu 2*

**Missjoni**

1. Il-missjoni tal-Panil għandha tkun li jipprovdi lill-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha, b'konsulenza indipendenti u multisettorjali dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa fl-oqsma tal-ispeċjalizzazzjoni stipulati fl-Anness I.

2. Il-konsulenza mogħtija mill-Panil għandha tqis ix-xogħol tal-korpi l-oħra tal-Unjoni kkonċernati mis-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, bħall-Kumitat tal-Politika Ekonomika u l-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali.

3. Il-Kummissjoni se tiċċirkola l-konsulenza mill-Panil lill-Istati Membri li juru interess.

4. Il-konsulenza se tibqa' informali u ma torbot fl-ebda ċirkostanza.

*Artikolu 3*

**Sħubija – Ħatra**

1. Il-Panil għandu jkun magħmul minn massimu ta' 17-il membru. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina n-numru ta' membri tal-Panil, bl-għan li jiġu żgurati l-għarfien u l-fehma fuq l-aktar medda wiesgħa tas-sistemi tas-saħħa differenti madwar l-UE.

2. Il-membri tal-Panil se jkunu individwi maħtura f'kapaċità personali, fil-qafas ta' sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet.

3. Il-membri tal-Panil għandhom jinħatru mid-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi minn individwi li jkunu wieġbu għas-sejħa għall-applikazzjonijiet u li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fis-sejħa. Il-membri tal-Panil għandhom ikunu esperti f'qasam wieħed jew iżjed ta' speċjalizzazzjoni msemmija fl-Anness I, u kollettivament għandhom ikopru l-aktar medda wiesgħa ta' dixxiplini possibbli.

([4]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

4. Il-membri tal-Panil jinħatru għal tliet snin. Dan il-mandat jista' jiġġedded, l-aktar għal tliet termini konsekuttivi.

5. Il-membri tal-Panil li ma jkunux kapaċi jkomplu jikkontribwixxu effettivament għad-dmirijiet tagħhom, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx l-Artikolu 339 tat-Trattat, jistgħu jinbidlu għall-kumplament tal-mandat tagħhom. F'dan il-każ, id-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi jista' jaħtar sostitut, wara sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet.

6. Il-membri tal-Panil għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku.

7. L-ismijiet tal-membri tal-Panil għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni u entitajiet simili oħrajn (minn hawn 'il quddiem "ir-Reġistru").

8. Id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([5]).

*Artikolu 4*

**Tħaddim**

1. Il-Panil għandu jaħtar il-President u Viċi President, skont ir-regoli ta' proċeduri msemmija fil-paragrafu 9 u f'konformità mar-regoli orizzontali tal-Kummissjoni dwar gruppi ta' esperti ([6]).

2. Fuq talba għall-konsulenza, il-President tal-Panil se jaħtar Relatur minn fost il-membri tiegħu. Għal kwistjonijiet partikolarment kumplessi ta' natura multidixxiplinarja, jista' jinħatar aktar minn Relatur wieħed. Ir-Relatur(i) u l-Kummissjoni għandhom jaqblu dwar it-termini ta' referenza tat-talba għal konsulenza. Ir-Relatur(i) għandu jkun/għandhom ikunu responsabbli għall-abbozzar tal-konsulenza.

3. Il-Panil jista' joħloq gruppi ta' ħidma biex jeżaminaw kwistjonijiet partikolari. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu ppreseduti minn membru tal-Panil. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jirrappurtaw lill-Panil li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-president tagħhom.

4. Bi ftehim mas-servizzi tal-Kummissjoni, il-Panil jista' jistieden esperti esterni, kif ukoll esperti minn korpi oħra tal-UE li jikkunsidraw li għandhom l-għarfien xjentifiku u l-ispeċjalizzazzjoni rilevanti, biex jikkontribwixxi għax-xogħol tagħhom. L-uffiċjali tal-Kummissjoni minn servizzi interessati fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Panil.

5. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Panil biex jikkonsulta ma' korpi oħra għat-tħejjija tal-konsulenza.

6. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Panil biex jorganizza laqgħa waħda jew aktar, jekk jidhrilha li huwa meħtieġ għall-Panil biex

([5]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 4.
([6]) C(2010) 7649 finali, ir-regola 11(1).

jipprovdi l-konsulenza. Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-post tal-laqgħat biex tiżgura l-ogħla effikaċja tal-attivitajiet tal-Panil. Is-sussistenza u l-ispejjeż tal-ivjaġġar għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni Ewropea, kif ipprovdut fl-Anness II.

7. Il-membri tal-Panil kif ukoll l-esperti mistiedna, għandhom jikkonformaw kemm mal-obbligi tas-segretezza professjonali stabbiliti fit-Trattat u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà relatata mal-ħarsien tal-informazzjoni kklassifikata tal-UE, stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom [7]. Jekk jonqsu milli jirrispettaw dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa.

8. Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi għandu jipprovdi s-servizzi segretarjali lill-Panil, partikolarment permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat u rimborż tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza.

9. Il-Panil għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, fuq il-bażi ta' proposta mressqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, f'konformità mar-regoli orizzontali tal-Kummissjoni dwar gruppi ta' esperti u r-regoli standard ta' proċedura għal gruppi ta' esperti [8].

10. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet li jwettaq il-Panil, jew billi tinkludih fir-Reġistru jew permezz ta' sit tal-internet iddedikat għall-grupp li jkun hemm referenza għalih fir-Reġistru.

*Artikolu 5*

**Spejjeż tal-laqgħat**

1. Il-membri tal-Panil u l-esperti mistiedna għandhom ikunu intitolati għal indennizz għat-tħejjija tagħhom u l-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Panil, u talli jservu ta' Relaturi għal xi mistoqsija speċifika, kif spjegat fl-Anness II.

2. L-ispejjeż tal-vjaġġ u tas-sussistenza mġarrba mill-membri tal-Panil u l-esperti mistiedna skont l-Artikolu 4(4) għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni.

3. L-ispejjeż imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu rimborżati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 6*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-1 ta' Ottubru 2015.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli Interni tal-Proċedura, (ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1).
[8] SEC(2010) 1360 finali, Anness IV.

*ANNESS I*

## L-OQSMA TA' SPEĊJALIZZAZZJONI

Il-Panil għandu jappoġġja lill-Kummissjoni f'li jidentifika l-modi effettivi tal-investiment fis-saħħa, biex jissegwew sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli.

Eżempji ta' oqsma potenzjali tal-attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: kura primarja, kura fl-isptar, farmaċewtiċi, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, il-konnessjonijiet mas-settur tal-protezzjoni soċjali, il-kwistjonijiet transkonfinali, il-finanzjament tas-sistema, is-sistemi ta' informazzjoni u r-reġistri tal-pazjenti, l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa.

L-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li l-Panil għandu jkun kapaċi jkopri jinkludu:

— L-ippjanar tas-saħħa u l-prijoritizzazzjoni tal-baġit, inklużi:

  — l-epidemjoloġija

  — ix-xjenza attwarja

  — l-ekonomija tas-saħħa

  — il-bijostatistika

— Riċerka dwar is-servizzi tas-saħħa, inkluż:

  — studju ta' paragun interreġjonali u internazzjonali

  — mediċina bbażata fuq l-evidenza

  — sorveljanza tas-saħħa pubblika

  — il-konnessjoni tar-reġistri għall-popolazzjoni

— Il-ġestjoni tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa, inklużi:

  — l-evalwazzjoni soċjoekonomika

  — il-kontabilità

  — l-iskemi ta' akkreditazzjoni

  — il-miżuri ta' prestazzjoni

— L-għoti tal-kura tas-saħħa, inklużi:

  — is-Saħħa elettronika, is-sistemi tal-informazzjoni tas-saħħa, u r-reġistru tal-pazjent; l-interkonnessjoni ta' reġistri differenti

  — l-istandards tal-assigurazzjoni tal-kwalità għas-saħħa, il-proċeduri ta' standardizzazzjoni, l-indikaturi tas-saħħa, il-protezzjoni tad-dejta

  — il-programmi ta' skrining għas-saħħa

  — l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u ta' regolamentazzjonijiet ta' trattament

  — l-assigurazzjoni tas-saħħa

  — l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza/kontra l-kriżi

— Edukazzjoni u promozzjoni tas-saħħa, inklużi:

  — l-ekonomija dwar l-imġiba

  — il-mediċina preventiva

  — il-programmi ta' għarfien dwar is-saħħa

  — is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

*ANNESS II*

**INDENNIZZI**

Il-membri tal-Panil u l-esperti mistiedna għandhom ikunu intitolati għal indennizzi marbuta mat-tħejjija u s-sehem tagħhom fil-laqgħat tal-Panil kif ġej:

Għat-tħejjija u s-sehem tagħhom fil-laqgħat:

— EUR 385 għal kull jum ta' sehem sħiħ jew EUR 200 għal sehem f'laqgħa ta' filgħodu jew ta' waranofsinhar tal-Panil, jew f'laqgħa esterna li jattendu għaliha marbuta mal-ħidma tal-Panil.

— EUR 385 għal kull jum sħiħ ta' tħejjija ta' laqgħa waħda tal-Panil. Fin-nuqqas ta' stima differenti magħmula mill-President u approvata mill-Kummissjoni, huwa maħsub li għal kull jum ta' laqgħat, huma meħtieġa jumejn ta' tħejjija.

Għal min jagħmilha ta' Relatur għal xi kwistjoni li teħtieġ mhux anqas minn jum ta' tħejjija ta' abbozz ta' konsulenza, u bi ftehim bil-miktub minn qabel tal-Kummissjoni:

— EUR 385 għal kull jum sħiħ ta' sehem u għal kull jum sħiħ ta' tħejjija għal laqgħa waħda tal-Panil. Fin-nuqqas ta' stima differenti magħmula mill-President u approvata mill-Kummissjoni, huwa maħsub li għal kull jum ta' laqgħat, huma meħtieġa jumejn ta' tħejjija.

Barra minn hekk, is-sussistenza u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar se jiġu rimborżati skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni se tevalwa b'mod regolari l-ħtieġa li jiġu adattati dawn l-indennizzi fid-dawl tal-indiċijiet tal-prezzijiet, il-valutazzjoni ta' indennizzi mħallsa lill-esperti f'entitajiet oħra tal-Unjoni u l-esperjenza għall-ammont ta' xogħol tal-membri, il-membri msieħba, konsulenti xjentifiċi oħra u esperti esterni. L-ewwel valutazzjoni se ssir fl-2013.